MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 528/2004

**Galleria Management Limited (C19528)**
**Vs**
**Baggit Enterprises Limited bhala debitrici principali u John Chetcuti bhala garanti solidali.**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet tiggestixxi hanut fil-"Galleria Shopping & Entertainment Centre" gewwa l-Fgura, propjeta' tas-socjeta' attrici, u ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,545.05),

skond *statement of account* (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok.A). rapprezentanti arretrati ta' kera u taxxa, kontribuzzjoni ghall-*maintenance* tal-partijiet komuni gewwa l-istess *Centre,* kif ukoll kontribuzzjoni ghall-*marketing* (inkluzi l-imghaxijiet legali sal-31 ta' Marzu 2002), kollox skond ftehim tas-6 ta' Jannar, 1999 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B) iffirmat bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta;

Peress illi permezz ta' skrittura privata tat-2 ta' Ottubru, 2000 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. C), il-konvenut John Chetcuti ggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu sal-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltija (Lm15,000), skond kif hemm ahjar deskritt;

Peress illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, anke ufficjalment, permezz ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2000 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. D), biex ihallsu dan id-dejn, izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghidu l-konvenuti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kissret il-ftehim ta' kera tas-6 ta' Jannar, 1999 (Dok. B);

2. Tiddikjara li l-konvenuti solidalment bejniethom, ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,545.05), u dana oltre l-imghaxxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha:

3. Tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' sitt elef hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,545.05), ), u dana oltre l-imghaxxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, innkluza t-Taxxxa Fuq il-Valur Mizjud, u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2000 u tal-mandat ta' qbid ta' sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni odjerna, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici Galleria Managment Limited a fol. 3;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' Joselle Formosa Gauci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------